MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2011

Numru 800/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**BERTRAM ZAHRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Bertram Zahra, iben Joseph u Emanuela nee' Spiteri, imwieled nhar l-14 ta' Lulju 1990, Pieta', residenti 12, Sqaq San Adeodatu, Zejtun u detentur tal-karta ta' l identita 340390(M).

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-03 ta' Mejju 2010 ghal habta tas-siegha ta' filghodu u (01:00a.m) barra l-hanut Novel i jinsab fi Triq Gorg, San Giljan:

Volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe tabella ghad-dannu ta' Kentucky Operations, liema hsara tammonta ghall anqas min elf, mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu ta' Euro (1,164.69) pero' aktar minn mija u sittax il Euro u sebgha u erbghin centezmu ta' Euro (Euro 116.47)

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok.TM5 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.
Rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Issib lill-imputat Bertram Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Bertram Zahra ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Bertram Zahra jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Bertram Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------